# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Kump. Nru 472/2004

Illum, 05 t'Ottubru, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Patrick Spiteri**
**(K.I. 43465M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Patrick Spiteri, iben Joseph u Maria nee' Borg, imwieled Attard nhar is-26 ta' Diċembru 1964 u residenti "Casa San Anton", Wardija Hill, Wardija, detentur tal-Karta tal-Identità Numru 43465M, u akkużat talli:

> F'dawn il-Gżejjer, fl-24 ta' Frar 2001 u fix-xhur ta' wara din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, appropja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, somma ta' aktar minn ħames mitt lira, għad-detriment ta' Leslie

Bricusse, liema somma kienet ġiet fdata jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan ai termini tal-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati 8 ta' Frar 2007[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati tal-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikoli nqraw fis-seduta tat- 12 ta' Frar 2007 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.[2]

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2021 il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli terġa' tisma x-xhieda li nstemgħu u milli terġa' tara d-dokumenti kollha li ġew ippreżentati quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni datat l-11 ta' April 2002 u dik tad-difiża datata s-26 ta' Lulju 2022;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

---

[1] A fol. 324 tal-Atti proċesswali.
[2] A fol. 323 tal-Atti proċesswali.

Illi l-verżjoni tal-prosekuzzjoni hi essenzjalment dik tal-parte ċivile Leslie Bricusse. Jirriżulta li l-parte ċivile kellu żewġ kontijiet bankarji f'ammonti sostanzjali miżmuma ma' Lombard Bank Malta plc u huma dawn iż-żewġ kontijiet li huma fil-qofol tal-preżenti każ.

Bħala retroxena jirriżulta li l-akkużat sar jaf lill-parte ċivile minn introduzzjoni li saritlu tramite d-ditta Radcliffes Soliticitors fl-1996 rigward interess li kellu biex jistabbilixxi *permanent residence* f'Malta. Hu ngaġġa lill-akkużat sabiex jipprestalu servizzi marbuta kemm mal-kisba ta dan l-istatus kif ukoll sabiex jiftaħ u jamministra kontijiet bankarji f'isem il-parte ċivile u jeħodlu ħsieb ta' kull neċessità oħra f'Malta.

Skont il-parte ċivile, lejn is-sena 2001 hu nnota li ma kienx ħallas it-taxxa għas-snin preċedenti. Filfatt, fit-12 ta' Frar 2001, Bricusse bagħat fax lill-akkużat jistaqsieħ ir-raġuni li ma kienx ħallas it-taxxi minkejja li kienu diġà qegħdin tard għall-pagament tagħhom.[3]

Fit-13 ta' Frar 2001, l-akkużat bagħat fax (fuq letterhead ta' The Foresight Group) lill-parte ċivile fejn qallu li fl-aħħar xhur l-uffiċju tiegħu kien qed jeżamina s-sitwazzjoni ta' diversi klijenti tagħhom fid-dawl tal-emendi fiskali li daħlu fis-seħħ u rriżulta li l-formoli tat-taxxi Snin ta' Bażi 1999 u 2000 ta' Bricusse ma ġewx sottomessi. Informaħ li l-Awtoritajiet Maltin jistgħu iqisu l-fondi rimessi f'Malta bħala "dħul" u konsegwentement jiġi ntaxxat fuqhom bir-rata ta' 15%. Il-parir tal-akkużat kien li jista' jevita din it-taxxa jekk tinġieb prova li l-flus kienu rimessi f'Malta għall-finijiet ta' investiment kapitali, bħal akkwist ta' propjetà immobbli jew investiment f'*Government Savings Bonds.* Għal dan l-għan, l-akkużat talab lill-parte ċivile biex sa qabel l-aħħar ta' Frar 2001 iħallsu t-taxxa proviżorja ta' LM 1,000 (€2,329.37).[4] Talbu wkoll biex jekk jixtieq li jinvesti b'mod kapitali jibgħat fax lil Lombard Bank Malta plc fejn jawtorizza lill-akkużat jopera l-kontijiet miżmuma f'dak il-Bank u jispeċifika wkoll l-ammont ta' fondi li

---

[3] Ara Dok "B6" a fol. 191 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.
[4] Ara Dok "B8" u "B9" a fol. 193 u 194 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.

ried jinvesti b'dan il-mod. Il-parte ċivile aċċetta din il-proposta u talab lill-akkużat jivverifika l-bilanċi tal-kontijiet bankarji miżmuma ma' Lombard Bank.[5]

Illi b'fax datata l-14 ta' Frar 2001 mibgħuta lil Lombard Bank Malta plc, il-parte ċivile (i) talab kjarifika dwar il-bilanċi tiegħu, (ii) awtorizza lill-akkużat jikkomunika mal-bank u jopera l-kontijiet bankarji tiegħu kif ukoll (iii) informa l-Bank li jixtieq jinvesti s-somma ta £150,000 f'*Government Savings Bonds*.[6] Kopja ta' din il-korrispondenza ingħatat ukoll lill-akkużat.[7]

Fil-frattemp, fl-14 ta' Frar 2001, l-akkużat bagħat fax lill-parte civile (din id-darba fuq letterhead ta' "The Zimmermann House Group") jinformah li kien hemm erba' għażliet ta' investiment fil-*Government Savings Bonds* li jvarajaw bejn 6.15%, 6.75%, 6.9% u 7% u li l-parir tiegħu kien li jżommhom investiti għal mhux inqas minn sitt xhur.[8] Fis-16 ta' Frar 2001, l-akkużat bagħat fax lill-parte civile (fuq letterhead ta' "The Zimmermann House Group") fejn qallu li għamlu ordni mal-Borża ta' Malta għas-segwenti investimenti, liema investimenti għandhom jinxtraw hekk kif isir il-pagament matul il-ġimgħa ta' wara:

- LM 25,000 worth of 6.9% 2000 II MGS[9]
- LM 20,000 worth of 6.5% 2001 II MGS[10]
- LM 25,000 worth of 6.15% 2001 IV MGS[11]
- LM 25,000 worth of 7.75% 2000 MGS[12]

---

[5] Ara Dok "B10" a fol. 195 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.
[6] Ara Dok "B12" a fol. 197 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.
[7] Ara Dok "B11" a fol. 196 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.
[8] Ara Dok "B13" a fol. 198 tal-atti proċesswali ppreżentat minn Leslie Bricusse.
[9] Ippreżentat bħala Dok PV 11 kif ikkonfermat bil-ġurament minn Amanda Spiteri Mizzi a fol. 160 tal-atti proċesswali.
[10] Ippreżentat bħala Dok PV 13 kif ikkonfermat bil-ġurament minn Amanda Spiteri Mizzi a fol. 160 tal-atti proċesswali.
[11] Ippreżentat bħala Dok PV 14 kif ikkonfermat bil-ġurament minn Amanda Spiteri Mizzi a fol. 160 tal-atti proċesswali.
[12] Ippreżentat bħala Dok PV 15 kif ikkonfermat bil-ġurament minn Amanda Spiteri Mizzi a fol. 160 tal-atti proċesswali.

Fl-istess fax hemm miktub li l-akkużat bagħatlu wkoll kopji tal-ordnijiet u r-reġistrazzjoni mal-Borża ta' Malta f'isem il-parte ċivile.[13] Qallu wkoll li l-bank jeħtieġ il-prokura tiegħu, liema prokura formali, datata s-16 ta' Frar 2001, intbagħtet mill-parte civile lil Lombard Bank Malta plc fejn awtorizza lill-akkużat jirtira s-somma ta' £150,000 miż-żewġ kontijiet tiegħu hemm indikati.[14] Fit-22 ta' Frar 2001, l-istess parte ċivile kiteb lill-manager tal-Bank, Ray Formosa, fejn talbu biex jakkwista £150,000 f'*Malta Government Stocks* u biex jikkomunika mal-akkużat direttament.[15]

Skond il-parte ċivile, fis-6 ta' Awwissu 2001, hu bagħat fax lill-akkużat jistaqsieħ meta kienet timmatura l-ewwel parti mill-flus investiti fil-*Malta Government Bonds*.[16] Minn dakinhar 'l-quddiem, bdiet serje ta' korrispondenza bejn il-parte ċivile u l-akkużat dwar meta kien se jimmatura l-investiment tiegħu u jirċievi l-fondi.[17]

Da parti tiegħu, l-akkużat kien iġib diversi raġunijiet għalfejn il-pagamenti kienu għadhom ma sarux, fosthom li qed jistenna informazzjoni mill-*Brokers*;[18] u li jkun opportun li jistennew sad-19 ta' Novembru 2001 biex jirtiraw l-investiment u jibbenefika mill-istruttura tat-taxxa tiegħu;[19] u li l-awtoritajiet Maltin kienu *slow* ħafna biex isiru l-verifiċi bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, d-Dipartiment tat-Taxxi Interni u l-Ministru tal-Finanzi biex l-investiment jinħareġ mingħajr taxxa f'ras il-għajn.[20]

F'din il-korrispondenza daħlu wkoll uffiċjali tal-HSBC Republic Bank (UK) Limited li kienu qed jaġixxu għan-nom tal-parte civile.[21] F'korrispondenza

[13] Dawn ġew ippreżentati bħala Dok "B2", "B3", "B4" u "B5" rispettivament, a fol. 187 – 190 tal-atti proċesswali.
[14] Ara Dok "B14" u "B15" a fol. 199 u 200 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[15] Ara Dok "B17" a fol. 202 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[16] Ara Dok "B19" a fol. 204 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[17] Ara Dok "B20", "B26",
[18] Ara Dok "B21" u "B22" a fol. 206 u 207 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[19] Ara Dok "B23" a fol. 208 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[20] Ara Dok "B25" a fol. 210 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.
[21] Ara minn "Dok B27" sa "Dok "B36" a fol. 212 sa 222 tal-atti proċesswali ppreżentati minn Leslie Bricusse.

datata t-23 ta' Settembru 2002 bejn ir-rappreżentant tal-HSBC Republic Bank (UK) Limited u l-akkużat hemm referenza għal telefonata li saret ftit qabel, fejn l-akkużat jgħidlu li jrid jiltaqa' mar-rappreżentanti tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex jiżblokka s-sitwazzjoni rigward il-pagament tal-investimenti.[22] Fit-12 ta' Novembru 2002, l-akkużat bagħat fax lill-avukat Amerikan tal-parte ċivile, Bruce V Grakal, fejn qallu li għadu qed jistenna mingħand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni u li qed jagħmel pressjoni mad-Dipartiment sabiex jitħaffef il-proċess kemm jista' jkun malajr.[23]

Illi fl-14 ta' Frar 2003, il-parte ċivile kiteb direttament lill-Borża ta' Malta[24] u fid-19 ta' Frar 2003 lil Globe Financial Management Ltd[25] jistaqsihom dwar l-erba' investimenti li kien indikalu l-akkużat. Mill-istħarriġ li għamlu dawn l-entitajiet irriżulta li fis-16 ta' Frar 2001 ġew akkwistati 19,000 sehem minn 6.5% MGS 2001 (II) għall-prezz ta' Lm 19,575.15. Il-pagament għal dawn l-ishma sar permezz ta' cheque iffirmat mill-akkużat u maħruġ mill-Bank HSBC Malta, mill-kont ta' Foresight Holdings Ltd, liema fondi, madanakollu ma ġewx onorati.[26] Meta raw hekk, is-soċjetà Globe Financial Management Ltd biegħet dan l-investiment lil terzi fit-13 ta' Marzu 2001 sabiex tirkupra l-fondi mħallsin minnha għall-akkwist ta' dan l-investiment.[27]

Irriżulta wkoll li minn dawn l-erba' ordnijiet ta' investiment, l-investimenti "6.9% 2000 II MGS" u "7.75% 2000 MGS" ma kienux jeżistu[28] u li ma sar ebda akkwist ta' ishma fuq "6.15% 2001 IV MGS" għan-nom tal-parte ċivile.

Illi matul is-sena 2003, il-parte civile ingaġġa lil Dr. Michael Grech bħala l-avukat tiegħu, li bagħat numru ta' ittri bonarji lill-akkużat sabiex jirrifondi lura dawn il-fondi,[29] liema ittri baqgħu bla risposta formali. Mill-istħarriġ li għamel

---

[22] Ara Dok "B36" a fol. 222 tal-atti proċesswali preżentati minn Leslie Bricusse.
[23] Ara Dok "B40" a fol. 236 tal-atti proċesswali preżentati minn Leslie Bricusse.
[24] Ara dok "B42" a fol. 228 tal-atti proċesswali preżentati minn Leslie Bricusse.
[25] A fol. 5 ta' Dok "G" ppreżentat minn Marisa Muscat.
[26] A fol. 1 ta' Dok "G" ppreżentat minn Marisa Muscat
[27] A fol. 10 ta' Dok "G" ppreżentat minn Marisa Muscat.
[28] Ara x-xhieda ta' Eileen Muscat a fol. 90 tal-atti proċesswali.
[29] Ara Dok "MG" (a fol. 53), Dok "MG8" (a fol. 67) u dok "MG16" tal-atti proċesswali ppreżentati minn Dr. Michael Grech.

Dr. Grech irriżulta wkoll li l-kera tal-propjetà Flat 1, Tikka Flats, Triq il-Kbira San Ġiljan (li bdiet fit-22 ta' April 1996[30]) f'isem il-parte civile ma kienitx qed titħallas.[31] Illi fl-10 ta' Lulju 2003, il-parte ċivile ppreżenta kwerela kontra l-akkużat rigward l-allegati investimenti li kellhom isiru mill-akkużat għan-nom tiegħu u li sa dakinhar hu ma kienx ra lura flus mingħand l-akkużat.[32]

Illi intant, irriżulta wkoll li abbażi tal-prokura li l-parte ċivile għamel a favur ta' l-akkużat, Lombard Bank Malta plc ħareġ is-segwenti *Bank Drafts* f'isem l-akkużat:

- Bank Draft Numru "8465" datat l-24 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM 19,575.15[33] li ġie msarraf mill-akkużat fil-branka tal-Bank of Valletta plc;[34]

- Bank Draft Numru "8466" datat l-24 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM 4,820.58;[35] li ġie depożitat fil-kont ta' Foresight Holdings Limited;[36]

- Bank Draft Numru "8467" datat l-24 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM 10,238.60[37] li ġie msarraf mill-akkużat fil-branka tal-Bank of Valletta plc;[38]

- Bank Draft Numru "8495" datat is-26 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM 20,000[39] li ġie msarraf mill-akkużat fil-branka tal-Bank of Valletta plc;[40]

---

[30] Ara l-kuntratt ta' kera a fol. 1321 tal-atti proċesswali ppreżentat bħala Dok PS11 mill-akkużat stess.
[31] Ara Dok "MG13"(a fol. 75) u Dok "MG15" (a fol. 79) tal-atti proċesswali ppreżentati minn Dr. Michael Grech.
[32] Ara dok "PV" ippreżentat mill-Ispettur Paul Vassallo.
[33] Ara Dok "LBZ1".
[34] Ara x-xhieda ta' Joe Borg Cardona a fol. 245 tal-atti proċesswali.
[35] Ara Dok "LBZ2"
[36] Ara x-xhieda ta' Catherine Fenech a fol. 256 tal-atti proċesswali.
[37] Ara Dok "LBZ5"
[38] Ara x-xhieda ta' Joe Borg Cardona a fol. 245 tal-atti proċesswali.
[39] Ara Dok "LBZ6"
[40] Ara x-xhieda ta' Joe Borg Cardona a fol. 245 tal-atti proċesswali.

- Bank Draft Numru "8496" datat is-26 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM 21,773.93[41] li ġie msarraf mill-akkużat fil-branka tal-Bank of Valletta plc;[42]

- Bank Draft Numru "8497" datat is-26 ta' Frar 2001 fl-ammont ta' LM20,000[43] li ġie msarraf mill-akkużat fil-branka tal-Bank of Valletta plc;[44]

Ikkonsidrat;

Illi da parti tiegħu, l-akkużat jispjega illi l-parte ċivile huwa kompożitur u kittieb u huwa bniedem renomat u rispettat ħafna fl-industrija tal-*entertainment*. Hu kellu diversi proġetti ta' *musicals* u xogħol ieħor kemm fl-Amerika u fl-Ingilterra fost l-oħrajn. Jgħid li ta dan ix-xogħol, il-parte ċivile kien jirċievi diversi pagamenti ta' *royalties* minn diversi pajjiżi u hu xtaq li jkollu strutturi li jkunu fiskalment effiċjenti.

Illi l-akkużat jispjega li l-parte ċivile kien residenti permanenti tal-Irlanda iżda minħabba li fl-1996 din biddlet il-politika fiskali tagħha, hu kien se jiġi ntaxxat b'rata għolja ħafna mill-Ingilterra fuq id-dħul minn dawn ir-*royalties*. B'hekk, il-parte ċivile ddeċieda li jersaq lejn Malta biex jistabbilixxi lilu nnifsu bħala *permanent resident*. Jgħid li l-ewwel komunikazzjoni saret direttament mal-akkużat tramite l-imsemmija ditta Radcliffes Soliticitors.

Illi l-akkużat, tramite d-ditta legali li kellu dak iż-żmien, ħoloq struttura ta' taxxa effiċjenti fejn l-akkużat seta' potenzjalment jiġi ntaxxat bil-15% fuq l-id-dħul rimess f'Malta u imbagħad jieħu lura *credit* ta' 10%. Għal dan l-għan, l-akkużat fetaħ kont bankarju f'isem il-parte ċivile mal-Bank of Valletta plc, u eventwalment żewġ kontijiet ma' Lombard Bank Malta plc. Jirriżulta wkoll li l-

[41] Ara Dok "LBZ4"
[42] Ara x-xhieda ta' Joe Borg Cardona a fol. 245 tal-atti proċesswali.
[43] Ara Dok "LBZ3"
[44] Ara x-xhieda ta' Joe Borg Cardona a fol. 245 tal-atti proċesswali.

parte civile ngħata l-istatus ta' *permanent resident* ta' Malta b'effett mid-19 ta' Settembru 1996.[45]

Illi l-akkużat jgħid li bejn l-1996 sal-2003 hu, flimkien mat-team tiegħu, wettaq ħafna xogħol għall-parte ċivile u anke kkomunika u taw pariri lid-diversi konsulenti internazzjonali tiegħu, fosthom *accountants* mill-Ingilterra, avukat mill-Istati Uniti tal-Amerika u avukat minn Franza. Jgħid, madanakollu, li l-parte civile kien dejjem iwegħdu li se jħallas il-fatturi tiegħu iżda dawn baqgħu qatt ma tħallsu. Jgħid, filfatt, li l-akkużat kellu jitħallas is-somma ta' LM 89,220.66[46] għas-servizzi reżi minnu tul is-snin kif ukoll spejjeż sborsati minnu.

L-akkużat jgħid li għall-bidu tas-sena 2001, il-parte ċivile kien urieh li ma kienx kuntent li jħallas it-taxxa dovuta f'Malta u xtaq li jsib vejikolu aktar effiċjenti. Kien f'dan id-dawl li fit-13 ta' Frar 2001 l-akkużat bagħat il-parir tiegħu lill-parte ċivile fejn taħ l-għażla li jew (i) jixtri propjetà immobbli jew (ii) jinvesti fil-*Malta Government Stocks*, bil-għan li juri li d-dħul riċevut f'Malta huwa intiż għall-finijiet kapitali u b'hekk jevita li jiġi ntaxxat fuqu.[47] Jgħid li fil-31 ta' Diċembru 2000, id-ditta ta' l-avukati li kien parti minnha sfaxxat u l-akkużat ħa lill-parte ċivile bħala klijent tiegħu privat.

L-akkużat jispjega li wara l-parir legali li ta lill-parte ċivile fit-13 ta' Frar 2001, huwa kien kellmu telefonikament fil-15 ta' Frar 2001 fejn qallu li ma setax jibqa' jistenna li jitħallas tal-fatturi tiegħu u li jekk ma jirċievix il-flus sa qabel l-akkwist tal-investiment, l-akkużat kien se juża l-fondi li kien hemm fil-kontijiet miżmuma ma' Lombard Bank Malta plc biex jitħallas tal-fatturi li jmorru lura sal-1997. F'dan id-dawl, l-akkużat kien insista mal-parte ċivile biex il-prokura lill-Lombard Bank Malta plc jagħmilha waħda miftuħa, fejn l-akkużat seta jimmaniġġja l-fondi sal-ammont ta' £150,000. Jgħid li hu ftiehem mal-parte civile biex jakkwista investiment wieħed biss u l-bqijja tal-fondi fil-kont bankarju

---

[45] Ara ċ-ċertifikat ppreżentat bħala "Dok PS164" ppreżentat mill-akkużat, a fol.1592 tal-atti proċesswali.
[46] Ara x-xhieda ta' l-akkużat a fol. 1170 tal-atti proċesswali.
[47] Ara Dok "PS57" ppreżentat mill-akkużat, a fol.1408 tal-atti proċesswali, liema dokument issir referenza għalih ukoll fil-*footnote* 4 supra.

jużahom biex iħallas id-dejn li kellu miegħu, li, sa Diċembru 2000, kien ilaħħaq is-somma ta' LM74,996.66. Il-ftehim kien li l-parte ċivile jibgħatlu pagamenti separati għall-akkwist tal-ishma tal-Gvern, liema pagamenti qatt ma saru u konsegwentement l-ishma l-oħra qatt ma ġew akkwistati.[48] Filfatt jgħid li fl-24 ta' Frar 2001 huwa ġabar tliet bank drafts minn kont tal-parte civile filwaqt li fis-26 ta' Frar 2001 hu ġabar tliet bank drafts oħra minn kont ieħor tal-parte ċivile li mmatura propju dakinhar. Minn dawn il-flus hu ħareġ cheque lil Global Financial Management għall-ammont ta' Lm19,575.15 biex jakkwista ishma fl-investiment "6.5% MGS 2001 (II)". Mill-uffiċju tiegħu, l-akkużat ġie informat li ma sarux pagamenti separati mill-parte ċivile kif miftiehem u, di più, kien hemm kont ieħor ta' LM14,224 li ma kienx għadu tħallas. B'hekk, l-ammont totali li kellu jiġbor l-akkużat kien ta' Lm89,220.66.[49] X'ħin ra hekk, l-akkużat fehem li l-parte ċivile ma kellu ebda intenzjoni li jħallsu għas-servizzi reżi minnu u b'hekk kellem lil Globe Financial Management Ltd biex jagħmlu stop payment fuq ic-cheque. Filfatt, hu jgħid li l-fondi m'għaddewx għand Globe mhux għax ma kienx hemm fondi fil-kont (bounced) iżda għax l-akkużat għamel 'stop payment'.

Jgħid li mill-bank drafts datati 24 ta' Frar 2001 u 26 ta' Frar 2001, hu użahom sabiex iħallas it-total ta' LM89,220.66 dovuti lill-uffiċju tiegħu u d-differenza ta' Lm7.147.60 iżommuha "on account" għall-ispejjeż li kien se jkun hemm fil-futur, fosthom il-kera u l-kontijiet tal-elettriku u l-ilma. L-akkużat isostni li l-parte civile kien konsapevoli ta' dan il-ftehim u filfatt baqa' klijent tiegħu sal-2003, meta l-akkużat għalaq l-uffiċċju tiegħu. Tul dan iż-żmien, isostni l-akkużat, l-uffiċju tiegħu baqa' jieħu ħsieb l-istatus ta' *permanent resident* li kellu l-parte civile. Jgħid li f'Ottubru 2002 hu kellu lunch Londra mal-parte civile u ma' Alan Hills, ta' HSBC Republic Bank (UK) Limited. Skont l-akkużat, matul din l-ikla l-parte civile qal li kien qed jipprova jieħu finanzjament minn HSBC Republic Bank (UK) Limited għall-akkwist ta' propjetà l-Ingilterra u talab lill-akkużat jikkonferma, waqt l-ikla, li l-parte ċivle kien *permanent resident* ta' Malta u li

[48] Ara l-para 37, a fol. 1254, tal-affidavit tal-akkużat ppreżentat minnu stess waqt id-depożizzjoni tiegħu fit-22 ta' Novembru 2019.
[49] Ara l-para 39, a fol. 1254, tal-affidavit tal-akkużat ppreżentat minnu stess waqt id-depożizzjoni tiegħu fit-22 ta' Novembru 2019.

kien *in good standing.* L-akkużat jgħid li ma kienx jaf b’dan l-investiment tal-parte ċivile u ħassu skomdu jagħti l-konferma tiegħu f’dak il-mument. Di più jgħid li wara l-ikla, l-parte ċivile stqarr miegħu li kien għaddej minn żmien finanzjarjament ħażin.

Jgħid li fl-2003, meta għalaq l-uffiċċju, ħafna mid-dokumentazzjoni li kellu ġiet maħżuna f’diversi postijiet u xi dokumenti ġew distrutti wkoll. Jgħid li fiż-żmien fejn l-akkużat ma kienx preżenti, il-parte ċivile ħa l-okkażjoni biex kiteb lil diversi entitajiet u ngaġġa avukat ieħor biex jipprova jixħet dawl ikraħ fuqu.

Jgħid ukoll li wħud mid-dokumenti ppreżentati mill-parte ċivile huma ffalzifikati. Fir-rigward ta’ fax datata 12 ta’ Settembru 2001,[50] l-akkużat jgħid li ma kienx jaf biha. Jgħid li din kienet l-għada tal-attakk fuq it-Twin Towers u hu kien qiegħed fl-Istati Uniti. Jgħid li hu ma awtorizzax il-kontenut ta’ dik il-fax u filfatt, meta jqabbel il-kopja tal-fax ippreżentat mill-parte ċivile ma dik ippreżentata mill-akkużat[51] isib li għalkemm il-kopja tal-parte ċivile tidher iffirmata mill-akkużat, il-kopja ppreżentata minnu hi ffirmata minn Pauline Abela “F/Patrick A. Spiteri”. L-akkużat jispjega li Pauline Abela kienet *junior secretary* mingħajr ebda kwalifika professjonali jew awtorità[52] biex tikteb il-kontenut ta’ dik il-fax[53]. Is-suspett tiegħu hu li f’xi żmien bejn l-2001 u l-2003 il-parte ċivile, jew xi ħadd inkarigat minnu, bagħbas dan id-dokument biex iġib il-firma tal-akkużat.

Jgħid ukoll li l-fax datata 16 ta’ Frar 2001,[54] fejn l-akkużat jikkonferma l-akkwist ta’ erba’ *Malta Government Stocks* hija falza għaliex hu qatt ma bagħat dik il-fax. Filfatt, jgħid li l-oriġinali ta’ dik il-fax qatt ma ġiet preżentata. Jgħid li dik il-

---

[50] Ara Dok “B23” a fol. 208 tal-atti proċesswali.
[51] Ara Dok “PS216” a fol. 1685 tal-atti proċesswali.
[52] Ara l-para 50, a fol. 1260, tal-affidavit tal-akkużat ppreżentat minnu stess waqt id-depożizzjoni tiegħu fit-22 ta’ Novembru 2019.
[53] Il-fax taqra hekk: “*Further to previous correspondence we confirm that the redemption date of the Malta Government Securities 6.5% 2001 is the 19th November 2001. In order to benefit of what we structured earlier on this year we should await redemption and then proceed to remit according to your instructions. Should you require any furhter information, please do not hesitate to contact me*.”
[54] Ara Dok B16, a fol. 201 tal-atti proċesswali.

fax fiha xi nuqqasijiet formali (bħan-nuqqas tat-timbru "faxed" fuqha).[55] Di più jgħid ukoll li ammont ta' korrispondenza skambjata bejn Alan Hills u l-parte ċivile aktarx huma falzifikati[56] għaliex ma setax isibhom mad-dokumenti tiegħu u m'hemmx evidenza li hu kien irċiviehom.

Ikkonsidrat;

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta inkontradett illi r-relazzjoni ta bejn l-akkużat u l-parte ċivile kienet waħda professjonali fejn l-akkużat kien jipprestalu s-servizzi legali tiegħu. Il-parte ċivile ma kienx ikun Malta regolarment u b'hekk l-amministrazzjoni tal-beni tiegħu f'Malta kienet fdata esklussivament f'idejn l-akkużat.

Illi m'hemmx dubju li bejn l-1996 u l-2001 l-akkużat, jew l-uffiċċju tiegħu, wettqu ammont konsiderevoli ta' xogħol għall-parte ċivile. Filfatt, bil-ħidma tal-akkużat, il-parte ċivile akkwista l-istatus ta' *permanent resident* ta' Malta u fetaħ kontijiet bankarji kemm mal-Bank of Valletta plc kif ukoll ma' Lombard Bank Malta plc. Bil-għan li l-parte ċivile inaqqas l-attrazzjoni għat-taxxa, l-akkużat tah il-parir sabiex il-fondi rimessi f'Malta jingħataw bixra ta' fondi rimessi għall-skop ta' investiment kapitali[57]. Fuq dan il-parir, il-parte ċivile bagħat l-awtorizzazzjoni tiegħu lil Lombard Bank Malta plc biex l-akkużat jopera l-kontijiet li kellu bil-għan li jakkwista l-imsemmija investimenti.[58] Jirriżulta li ma' Lombard Bank Malta plc, il-parte ċivile kellu s-segwenti kontijiet:-

[55] Ara l-para 51, a fol. 1261, tal-affidavit tal-akkużat ppreżentat minnu stess waqt id-depożizzjoni tiegħu fit-22 ta' Novembru 2019.
[56] Ara l-para 52, a fol. 1261, tal-affidavit tal-akkużat ppreżentat minnu stess waqt id-depożizzjoni tiegħu fit-22 ta' Novembru 2019. Hawn l-akkużat jagħmel referenza għal Dok PV2 sa PV 16 (preżentati wkoll mill-parte ċivile bħala Dok B29 sa B 41, minn fol. 214 sa fol.227) fejn hemm korrispondenza bejn il-parte civile u Alan HIlls, ta' HSBC Republic Bank (UK) fejn jiddiskutu s-sitwazzjoni li l-flus mill-investimenti għadhom ma tħallsux.
[57] Ara dok "B8" a fol. 193 tal-atti proċesswali.
[58] Ara dok "B12" a fol. 197 tal-atti proċesswali.

- Sterling Savings Account, bin-numru 02440200548, fl-ammont ta' £50,000. Minn dan il-kont, l-akkużat sarraf tlett *bank drafts* datati l-24 ta' Frar 2001;[59]

- Full Term Deposit Account, bin-numru 02520200548, fl-ammont ta' £100,000 li kien jimmatura fis- 26 ta' Frar 2001. Minn dan il-kont, l-akkużat sarraf tlett *bank drafts* datati s-26 ta' Frar 2001;[60]

Illi m'huwiex kontradett li dawn il-kontijiet ġew żbankati mill-akkużat. Il-vertenza, madanakollu, iddur mal-għan li għalih dawn il-fondi ġew żbankati. Il-prosekuzzjoni ssostni li dawn il-fondi kellhom jiġu żbankati bil-għan li jinxtraw l-investimenti indikati filwaqt li d-difiża ssostni li dan l-iżbank sar sabiex jitħallas id-dejn li l-akkużat kellu f'Malta, u dan bil-kunsens tal-parte ċivile.

Ikkonsidrat;

Illi r-reat prinċipali dedott kontra l-akkużat huwa dak ta' approprjazzjoni bla jedd ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta bl-aggravju kkontemplat fl-Artikoli 294.

Illi skont il-prosekuzzjoni, ir-reati seħħew mill-24 ta' Frar 2001 'l-quddiem. L-artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat fid-9 ta' April 2002 bis-saħħa tal-Att III tal-2002. Dan ifisser li fid-data ta' l-akkużi, l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 kien jaqra hekk:-

> *"**293.**Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn disa' xhur:*

---

59 Ara l-footnotes nru 33, 35 u 37 supra.
60 Ara l-footnotes nru 39, 41 u 43 supra.

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

L-istess għandu jingħad għall-Artikolu 294 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fid-data tal-akkużi kien jaqra hekk:

***"294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena."*

Fir-rigward tal-Artikolu 310 tal-Kap. 9, dan ġie emendat kemm bl-Att III tal-2002, bl-A.L. 407 tal-2007 u kien sostitwit bl-Att XXIV tal-2014. Fid-data tal-akkużi, dan l-Artikolu kien jaqra hekk:

***"310**. (1) Fil-każijiet imsemmijin f'dan is-subtitolu-*

*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt lira, il-piena tiżdied minn żewġ gradi sa tlett gradi;*

*(b) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamsin lira u mhux aktar minn ħames mitt lira, il-piena tiżdied bi grad;*

*(c) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn għaxar liri, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur;*

*(d) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames liri, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien*

*mhux aktar minn għoxrin ġurnata, jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (ċ) u (d) tas-subartiklu (1) ta’ dan l-artikolu ma jgħoddux fil-każ tad-delitti msemmijin fl-artikoli 296 u 298.“*

Illi l-elementi ta’ dan ir-reat ġew diskussi minn dawn il-Qrati f’diversi okkażjonijiet.[61] Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**[62] fejn hemm ritenut illi:

*“Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b’mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk, idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.”*

Illi di più, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Muscat**[63] irriteniet illi:-

*“L-element partikolari tar-reat ta’ approprjazzjoni inebita [sic] m’huwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-aġent biex jottjeni l-oggett, iżda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volontà ta' dan.”*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Bamber**[64] il-Qorti kkwotat is-segwenti bran:-

---

[61] Ara per eżempju **Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada**, Qorti tal-Appell Kriminali 1, ta’ Marzu 1952, **Il-Pulizija vs Giuseppe Cauchi**, Qorti tal-Appell Kriminali 21, ta’ Novembru 1952, **Il-Pulizija vs John Gauci**, Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta’ Frar 1997, **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Qorti tal-Appell Kriminali, 3 ta’ Marzu 1997 u **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona,** Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), 15 ta’ Frar 2007 fost l-oħrajn.
[62] **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta’ Ġunju 1998.
[63] **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Qorti tal-Appell Kriminali, (Inferjuri), 3 ta’ Marzu 1997.
[64] **Il-Pulizija vs John Bamber**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 8 ta’ Ġunju 2001.

*"Il-Qorti hawnhekk tghamel riferenza ghal dak li jghid Vincenzo Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Penale Italiano ", Quinta Edizione, Volume Nono, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur :*

> *"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

Illi l-istess Qorti, fil-każ **Il-Pulizija vs Philip Said**[65] ikkwotat minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Cassazione Taljana [Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231] fejn qalet illi:

*"Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.*

*"L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare*

[65] **Il-Pulizija vs Philip Said**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 30 ta' Settembru 2020.

*l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria" (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).*

*Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0)."*

Illi fil-każ il-**Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole**,[66] il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) irrieniet illi:-

*"Kif jispjega Luigi Majno [Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105]:*

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale.*

[66] **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 23 ta' Diċembru 2003.

> *Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e`(come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro,..."*

Ikkonsidrat;

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji legali applikabbli, il-Qorti ser tgħaddi biex tevalwa l-fatti relevanti għall-akkuża odjerna. Illi għalkemm il-Qorti semgħet ħafna xhieda u eżaminat diversi dokumenti, mhux ix-xhieda kollha miġjuba quddiemha kienu relevanti għall-eżami tal-elementi tar-reat *de quo*. Fil-fehma tal-Qorti, il-*punctum temporis* relevanti għall-każ *de quo* huwa mil-24 ta' Frar 2001 'l-quddiem, ossija minn meta l-akkużat żbanka tlett ċekkijiet bankarji maħruġa mill-kontijiet tal-parte ċivile, in segwitu għall-parir li ngħata mill-akkużat sabiex jakkwista beni kapitali fil-forma tal-*Malta Government Stocks*.

Illi f'dan il-parir, l-akkużat jgħidlu li jekk jaqbel mal-parir, il-parte ċivile għandu jibgħat l-awtorizzazzjoni tiegħu lil Lombard Bank Malta plc sabiex l-akkużat jopera dawk il-kontijiet bankarji u jikkopjah b'tali awtorizzazzjoni. Filfatt, il-parte ċivile fl-14 ta' Frar 2001 bagħat l-awtorizzazzjoni tiegħu lir-rappreżentanta tal-Bank Kathleen Flynn fejn speċifika dan l-għan.[67] Ftit jiem wara, speċifikament fis-16 ta' Frar 2001, il-parte ċivile bagħat prokura oħra lill-Bank, din id-darba mingħajr ma jispeċifika l-għan li għaliħ għandhom jiġu żbankati l-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji.

Illi l-akkużat isostni li l-bdil bejn l-ewwel prokura u t-tieni prokura huwa riżultat tal-fatt li kellmu telefonikament u qallu li jekk il-kont pendenti mhux ser jitħallas, huwa ma kienx se jkompli bix-xiri tal-investiment. Jgħid li hu qal lill-parte ċivile li kien ser jiġbed il-flus mill-kontijiet bankarji biex jissalda d-dejn u mill-bilanċ

[67] Ara Dok "B11" (a fol. 196) u Dok "B12" (a fol. 197) tal-atti proċesswali.

jakkwista l-investimenti. Jgħid li l-parte ċivile aċċetta dan il-ftehim u kien se jibgħat fondi oħrajn sabiex jakkwista l-investimenti.

Illi l-Qorti eżaminat bir-reqqa l-verżjoni kemm tal-parte ċivile kif ukoll tal-akkużat u fil-fehma tagħha, il-verżjoni mogħtija mill-akkużat m'hijiex kredibbli fuq bażi ta' probabilità.

Fl-ewwel lok, jirriżulta li l-maġġor parti tal-komunikazzjoni bejn il-partijiet kienet issir bil-miktub tramite l-fax aktar milli telefonikament. Ftehim ta' mportanza bħal dan, ossija l-pagament ta' fatturi ta' portata konsiderevoli, madanakollu, skont l-akkużat sar verbalment b'mod telefoniku. Illi di più, fil-komunikazzjonijiet li seħħew bejn il-partijiet sussegwentement bil-miktub, qatt ma ssir referenza għal dan l-allegat ftehim milħuq. Anzi, mill-komunikazzjonijiet sussegwenti jirriżulta li l-parte ċivile kien għadu qed jistenna l-fondi lura u n-narrattiva adoperata mill-akkużat kienet li l-flus kienu maqbuda f'nassa burokratika.

Filfatt, hemm numru konsiderevoli ta' faxes bejn il-parte ċivile, ir-rappreżentanti tiegħu fil-bank esteru HSBC Republic Bank (UK) Limited u l-akkużat rigward dawn il-fondi. Il-Qorti ser tissenjala wħud minnhom:

- Fax datata 2 ta' Settembru 2001[68] fejn il-parte ċivile jistaqsi l-akużat għal aġġornament "*regarding the status of my Maltese Govt. Bond investments*".

- Fax datata 3 ta' Settembru 2001[69] fejn l-uffiċċju tal-akkużat jinforma lill-parte ċivile "*We have requested a full answer from the brokers last week*"

[68] Ara dok "B20" a fol. 205 tal-atti proċesswali.
[69] Ara dok "B21" a fol. 206 tal-atti proċesswali.

- Fax datata 15 ta' Jannar 2002[70] bejn l-akkużat u l-parte ċivile fejn l-akkużat jgħid "I confirm that over the next few days and latest by end of the month, the bureacrats (as you so aptly call them) would have processed the papers. The delay is merely to obtain confirmation from one Government department to the other (ie Office of the PM to the Inland Revenue and then the Minister of Finance) so that funds are paid out without a withholding tax."

- Fax datata l-21 ta' Mejju 2002[71] mibgħutha mill-akkużat lil Alan Hills Esq (mill-bank esteru HSBC Republic Bank (UK) Limited) fejn, għal darb'oħra jgħid li għadu qed jistenna konferma mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex ikun jista' "liquidate and remit funds out without the need of any witholding tax liability"

Illi dawn huma biss wħud mill-korrispondenza kopjuża li għaddiet bejn il-partijiet wara t-12 ta' Frar 2001 li juru, lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-istruzzjonijiet li kellu l-akkużat mill-parte ċivile kienu biex jiżbanka s-somma ta' £150,000 mill-kontijiet bankarji tiegħu u jakkwista l-ishma fil-*Malta Government Stocks* biex inaqqas it-taxxa dovuta fuq il-fondi rimessi Malta u mhux, kif qed jippretendi l-akkużat, biex jitħallas tas-servizzi prestati.

Illi fit-tieni lok, huwa inverosimili wkoll kif għal snin twal l-akkużat ħalla l-kontijiet tiegħu jikbru mingħajr qatt ma rċieva pagament mill-parte ċivile. Hu jsostni li l-prassi kienet li l-kont jiġi ppreżentat personalment lill-klijent meta jiltaqgħu miegħu u peress li l-parte ċivile ma kienx ikun f'Malta, allura ma kellhomx okkażjoni jippreżentawlu l-kontijiet. Jgħid li d-ditta ta' avukati ta' fejn kien partner hu kellhom 60% tas-suq tal-*permanent residents* u qabel l-2000 ma kienux jiġru wara l-klijenti ghaliex "*cashflow was extremely healthy*".[72] Tenut dan, madanakollu, huwa inverosimili li l-akkużat jħalli l-kont jikber fl-ammont ta' LM89,220.66 u imbagħad fl-aħħar jgħidlu bih.

[70] Ara Dok "B25" a fol. 210 tal-atti proċesswali.
[71] Ara Dok "B27" a fol. 212 tal-atti proċesswali.
[72] Para 28 fl-affidavit ta' PS a fol 1248 tal-atti proċesswali.

Illi l-akkużat ippreżenta numru ta’ fatturi għas-servizzi reżi u minnhom jirriżulta li bejn it-30 ta’ April 1996 u l-15 ta’ Novembru 1999 inħarġu ben seba’ fatturi għal servizzi reżi u sborsamenti.[73] Għalkemm dawn il-fatturi huma f’ammonti konsiderevoli, hemm fattura datata 7 ta’ Novembru 2000[74] li hija konsiderevolment inqas mill-fatturi preċedenti. Fil-fehma tal-Qorti, din hija indikattiva li f’xi mument bejn il-15 ta’ Novembru 1999 u 7 ta’ Novembru 2000 (fi żmien wara li l-akkużat ħareġ mid-ditta legali tiegħu) sar pagament tal-fatturi pendenti. Kieku ma kienx hekk, kieku l-ammonti pendenti preċedenti kienu jibqgħu jidhru fuq din il-fattura wkoll.

Illi b’hekk, abbażi ta’ dak appena enuċjat, il-Qorti hi konvinta li kuntrarjament għal dak allegat mill-akkużat, l-għan uniku li għalih kellha tiġi żbankata s-somma globali ta’ £150,000 mill-kontijiet bankarji tal-parte ċivile kien sabiex l-akkużat jakkwista l-ishma ta’ investiment kif indikati mill-akkużat tramite l-fax datata 16 ta’ Frar 2001.[75]

Illi dwar dawn il-fondi, rriżulta li Lombard Bank Malta plc, bis-saħħa tal-prokura msemmija, ħareġ sitt ċekkijiet bankarji intestati f’isem l-akkużat u rriżulta wkoll li dawn is-sitt ċekkijiet ġew imsarrfa (għajr għal wieħed ta’ Lm4,820 li ġie depożitat fil-kont tas-soċjetà tal-akkużat). Ma tressqet ebda prova, imqar fuq bażi ta’ probabilità dwar x’sar minn dawn il-fondi ladarba ssarrfu. Li rriżulta mill-atti hu li fit-22 ta’ Frar 2001 ġew akkwistati 19,000 sehem minn 6.5% MGS 2001 (II).[76] Dawn l-ishma akkwistati, madanakollu, ġew mibjugħa mill-broker fit-13 ta’ Marzu 2001[77] għaliex il-pagament qatt ma wasal. Il-verżjoni mogħtija mill-akkużat hi li hu għamel “stop payment” fuq dan ic-cheque għaliex induna

[73] Ara Dok “PS13” (a fol 1326), Dok “PS20” (a fol. 1336), Dok “PS160” (a fol 1583); Dok “PS201” (a fol. 1657), Dok “PS202” (a fol 1658); Dok “PS203” (a fol 1659); Dok “PS204” (a fol 1660);
[74] Ara Dok “PS209” a fol. 1669 tal-atti proċesswali.
[75] Ara Dok “B16” a fol. 201 tal-atti proċesswali.
[76] Ara Dok “G15” ippreżentat minn Marisa Muscat waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar 2005.
[77] Ara Dok “G10” ippreżentat minn Marisa Muscat waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar 2005.

li l-parte ċivile ma kienx ser iħallsu. Illi għar-raġunijiet fuq spjegati, il-Qorti ma tarax kredibilità fil-verżjoni mogħtija mill-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat jattakka wkoll il-fatti li d-dokumenti ppreżentati mill-prosekuzzjoni ma jissodisfawx il-"Best Evidence Rule" stante li dawn huma fotokopji u mhux l-oriġinali. Illi l-Qorti tagħmel referenza għall-dak riportat fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[78] fejn jingħad li min jipprova jista' jaqa' fuq provi sekondarji kemm-il darba l-ewwel, jew l-aħjar, prova m'hijiex disponibbli Fil-fehma tal-Qorti, minkejja li d-dokumenti ppreżentati mill-parte ċivile huma, fil-maġġor parti tagħhom, kopji ta' faxes mibgħuta, dawn il-kopji ġew kollha <u>kkonfermati bil-ġurament</u> tal-parte ċivile waqt ix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Mejju 2005. Di più huwa fatt magħruf li ċerta karti li kienu jintużaw għal faxes fiż-żmien *de quo* għandhom it-tendenza li jiċċaraw maż-żmien. Huwa lodevoli, fil-fehma tal-Qorti li l-parte ċivile ħa l-kopji ta' dawk il-faxes għaliex li kieku ma kienx hekk, aktarx li l-provi kienu jiżvintaw maż-żmien.

Fil-fehma tal-Qorti, il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fir-rigward ta' dak li seħħ mill-*punctum temporis* 'l quddiem huma sani u tajbin għal dawn il-proċeduri anke għaliex dawn l-istess dokumenti, jew iċ-ċirkostanzi li jsawruwhom ġew ikkonfermati minn diversi xhieda indipendenti.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat isostni wkoll li l-parte ċivile kien persuna inaffidabbli u ħoloq din in-narrattiva odjerna sabiex jagħmillu l-ħsara. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa il-ħames rakkomandazzjonijiet[79] ppreżentati mill-akkużat fir-rigward tal-parte ċivile u

---

[78] **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 5 ta' Lulju 2002.

[79] Dok "PS 4" (a fol 1273) rakkomandazzjoni datata 28 ta' Marzu 1996 magħmulha minn Anthony F. Hancook ta' "Radcliffes, Crossman Block" li jispjega li ilu jaf lil Mr & Mrs Leslie Bricusse sa mill-1983. Jgħid li "*Mr. & Mrs. Bricusse are substantial and financially successful people, well known and respected in the international entertainment world. They are of impeccable character and always respect their commitments. I have no difficulty in giving them a first-class character reference*". Dok "PS11" (a fol. 1315) hija rakkomandazzjoni mid-

kollha kemm huma jirrimarkaw illi l-parte ċivile huwa bniedem ta' integrità għolja. Di più ix-xhieda mogħtija in eżami mill-parte ċivile hija konsonanti mad-dokumenti minnu ppreżentati. L-akkużat jilmenta, madanakollu, li in kontro-eżami il-parte ċivile qal numru ta' ineżattezzi. Il-Qorti hija konsapevoli ta' dawn l-ineżattezzi iżda tqis li dawn l-ineżattezzi ma jnaqqsu xejn minn dak li ġara tassew minn meta l-akkużat żbanka l-fondi 'l-quddiem. Ta' min jirrimarka wkoll li l-kontro-eżami tal-parte ċivile sar fl-4 ta' Ġunju 2019, u ċioè tmintax-il sena wara l-akkadut u erbatax-il sena wara li sar l-eżami. Di più, ix-xhieda in eżami ma nqratx lill-parte ċivile, kuntrarjament għal xhieda oħra li ttellgħu in kontro-eżami.

Mill-assjem ta' dawn il-provi, il-Qorti tqis li l-parte ċivile huwa kredibbli fil-verżjoni minnu mogħtija u l-Qorti għandha tistrieħ fuqha.

Illi l-akkużat jikkwerela wkoll li numru ta' dokumenti huma saħansitra foloz u kalunnjużi. Fost dawn id-dokumenti hemm Fax datata t-12 ta' Settembru 2001 fejn il-kopja ppreżentata mill-parte ċivile[80] tvarja f'xi formalitajiet minn dik ippreżentata mill-akkużat.[81] Illi bid-dovut rispett, dan id-dokument ma jżid jew inaqqas xejn mill-ftehim u struzzjonijiet mogħtija mill-parte ċivile lill-akkużat, kif ġie ampjament ipprovat minn diversi provi u dokumenti oħrajn.

diriġenti tal-bank Credit Foncier de Monaco minghajr data iżda preżentata mal-applikazzjoni ta' Bricusse bhala permanent resident fejn jghidu li ilhom jafu lil Leslie Bricusse għal 7 snin u li "*M LESLIE BRICUSSE is a serious Professional and we would recommend him to your highest attention";* Dok "PS 11" (a fol 1316) rakkomandazzjoni minn Bernard A Greenberg mid-ditta Rosenfeld, Meyer & Susman law offices datata 15 ta' April 1996 fejn jingħad li ilu jippresta s-servizz ta' avukat lil Bricusse ghal aktar minn 30 sena, jghid li: "*Mr Bricusse earns a high income from his Professional activities and has a very substantial net worth. His integrity and character are unqestioned and beyond reproach. I am exceptionally pleased to give Mr Bricusse my unequivocal and unconditional recommnedation and endoresement*"; Dok "PS 48" (a fol 1394) mill-Bank Coutts & Co datata 12 ta' Novembru 1998 fejn jghidu li ilhom jafu lil Leslie Bricusse sa mill-1997 "*and is considered respectable and trustworthy in his normal business engagements*", Dok "PS 40" (a fol 1395) mill-Bank Wells Fargo Bank datata 16 ta' Novembru 1998 fejn jghidu li ilhom jafu lil Leslie Bricuss sa mill-1969 "*accounts is and has been in good standing and he is a valued customer of the bank*"

[80] Dok "B23" a fol 208 tal-atti proċesswali.

[81] Dok "PS216" a fol. 1685 tal-atti proċesswali.

L-akkużat jikkwerela wkoll l-awtentiċità tal-fax datata s-16 ta' Frar 2001[82] billi jgħid li l-oriġinali tal-fax qatt ma ġietx ippreżentata in atti u li hu qatt ma ħareġ dik il-fax. Il-Qorti ssibha diffiċli ħafna temmen lill-akkużat f'din il-verżjoni meta ġew ippreżentati, u kkonfermati mir-rappreżentanta tal-broker, il-"Client Confirmation Order Logbook" ta l-investimenti li jġibu l-istess ismijiet tal-investimenti, l-istess data tal-fax ikkwerelata u huma fl-istess ammonti ta' dawk deskritti fl-imsemmija fax!

Illi b'hekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-kontenut tal-fax datata 16 ta' Frar 2001 huwa verosimili u attendibbli.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit dan kollu, jirriżulta mhux kontradett li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet waħda professjonali. Filfatt, mill-assjem tal-provi jirriżulta li l-akkużat serva ta' konsulent legali tal-parte ċivile għall-finijiet fiskali f'Malta u li l-fondi ngħataw fil-pussess tal-akkużat minħabba l-professjoni u s-servizz tiegħu kif reż lill-parte ċivile. B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 294 tal-Kap. 9 isib l-applikazzjoni tiegħu fil-konfront tal-akkużat.

Ikkonsidrat,

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti ser tqis li l-akkużat wettaq żbank tal-fondi mill-kontijiet tal-parte ċivile f'żewġ dati differenti. B'kollox, hu żbanka s-somma komplessiva ta' Lm96,408.23 (ekwivalenti għal €224,570.77). L-ewwel żbank seħħ fl-24 ta' Frar 2001 għall-ammont ta' Lm 34,634.33 (ekwivalenti għal €80,676.29) u t-tieni żbank seħħ fis-26 ta' Frar 2001 għall-ammont ta' Lm61,773,90 (ekwivalenti għal €143,894.48). Illi b'hekk jirriżulta li kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn l-akkużat appropja indebitament il-fondi li ġew fdati lilu, liema okkażjonijiet, madanakollu, għandhom jitqiesu bħala reat wieħed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[82] Dok "B16" a fol. 201 tal-atti proċesswali.

Ma rriżultax lill-Qorti li dawn il-fondi, jew parti minnhom, ġew rifużi lura lill-parte ċivile tul dawn is-snin. B'hekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tqis li għandha teroga piena viċin il-massimu permissibbli mil-liġi kif kienet viġenti fid-data tal-24 ta' Frar 2001.

Deċide:

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Patrick Spiteri **ħati** tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sentejn (2)** priġunerija effettivi.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**